# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum **l-Erbgha 5 ta' Lulju, 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs.**

**Victor Camilleri u**
**Emanuel Scerri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Victor Camilleri ta' 57 sena, bin Carmel u Lucia nee' Catania, imwieled Gzira fl-10 ta' Settembru, 1949, residenti fl-indirizz: 165 Triq San Kristofru Valletta, detentur tal-karta tal-identita' numru 720649M

u

Emanuel Scerri ta' 51 sena, bin Spiro u Margaret nee' Borg, imwieled Sliema, fit-12 t'April, 1955 residenti fl-indirizz 142 Matarieh, Triq Nazju Ellul, Gzira detentur tal-karta tal-identita' numru 291355M.

Akkuzati:

1. Talli fit-30 ta’ Gunju, 2005, u fix-xhur ta’ qabel, fil-Hamrun u fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer, ghamlu falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi war li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u dan fil-konfront ta’ certifikati u dokumenti li jirrigwardaw lift stallat fil-fond “St. Joseph Court”, Triq Oscar Zammit, Hamrun.

2. Talli fl-istess cirkustanzi, illi minhabba l-kariga jew impjieg taghhom, huma fid-dmir li jaghmlu jew jaghtu dikjarazzjoni jew certifikat, ghamlu jew taw dikjarazzjoni jew certifikat falz.

3. Talli fl-istess cirkustanzi, ghamlu uzu mill-istess dokumenti foloz.

4. Talli fl-istess cirkustanzi, sabiex jiksbu xi vantagg jew beneficcju ghalihom jew ghal haddiehor, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz.

Rat il-kunsens mibghut mill-Avukat Generali fl-4 ta’ April, 2007, sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja, u rat li l-imputati ma kellhom l-ebda oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat u deciz;

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha u d-dokumenti ezebiti.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Kunsiderazzjonijiet Dwar Htija**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri kriminali huma s-segwenti:

1. Fis-6 ta' Dicembru 2002 gew ippubblikati il-Lifts Regulations (ippubblikati biss fil-verzjoni Ingliza), permezz ta' Avviz Legali 370 tal-2002 mahruga taht il-Kapitolu 427 tal-Ligijiet ta' Malta. Dawn ir-Regolamenti kienu intizi sabiex jassiguraw li *"a lift or safety component placed on the market"* mill-1 ta' Gunju 2002 il-quddiem ikunu konformi mal-European Parliament and Council Directive 95/16 EC. Fir-Regolament 3.1.9 tal-istess Regolamenti jippreskrivi illi *"placing on the market of the lift" shall occur when the installer first makes the lift available to the user ... ...".* Ir-Regolament 4.1.1 imbghad jghid illi *"No person may manufacture, place on the market or put into service any lift or safety component which do not comply with the provisions of these regulations."*

2. Fil-25 ta' Novembru 2002, l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ippjanar u l-Ambjent approvat *"amended application to construct dwellings, garages and shops including sanctioning."* fi Triq it-Tram kantuniera ma' Triq Misrah il-Barrieri, Hamrun.

3. Fil-25 t'Ottubru 2003, Clyde Cauchi, wiehed mis-sidien tal-blokka appartamenti li giet mibnija bis-sahha ta' dan il-permess, iffirma kuntratt ta' xiri ta' lift mal-imputat Victor Camilleri ghan-nom tas-socjeta Comm. Lifts & Ser. Ltd. Skond l-istess kuntratt wahda mill-kundizzjonijiet tal-bejgh kienet li l-*"Car Safety Gear"* kellu jkun *as required by EEC Standards."* Clyde Cauchi xehed li dan il-kuntratt sar qabel gie istallat il-lift.

4. L-Inginier Frederick Azzopardi, li kien jahdem fil-Building Regulations Unit, xehed li fil-bidu ta' Marzu 2005, kienu ircivew rapport minn persuna li toqghod f'dan il-blokk ta' appartamenti, li allega li kien hemm xi problema bil-lift. Huwa baghat *inspector* biex jispezzjoni l-lift, u rrizulta li l-lift ma kienx CE certified.

5. Huwa jghid li l-imputat Victor Camilleri wieghdu li s-CE certificate kien se jitwahhal, izda dan baqa' ma twahhalx.
6. L-Inginier Frederick Azzopardi xehed ukoll li l-lift ma kienx gdid, fis-sens li l-komponenti tieghu gew manifatturati zgur qabel ma dahlu fis-sehh ir-Regolamenti tal-2002, u huma komponenti ta' snin differenti, li gew mibnija flimkien biex jiffurmaw il-lift.
7. Sussegwentement, huwa ircieva certifikat minghand l-imputat Emanuel Scerri, li huwa Inginier, fejn dan tal-ahhar iddikjara li dan il-lift gie installat qabel l-2002 u allura l-Lifts Regulations ma kienux applikabbli.
8. L-Inginier Frederick Azzopardi xehed ukoll li min kien ghamel l-ilment originarjament, kien tah dokument mahrug mill-imputat Victor Camilleri, datat 23 ta' April 2004, fejn dan ikkonferma li l-lift gie manifatturat fl-2003. Skond ix-xhud, dan id-dokument ifisser li allura il-Lifts Regulations kienu applikabbli ghal lift in kwistjoni u li dan id-dokument jikkontradici dak li qal fic-certifikat tieghu l-imputat Inginier Scerri.
9. L-Inginier Azzopardi xehed li stante li l-imputat Victor Azzopardi baqa' ma' ghaddilux id-dokument li jikkonferma li l-lift kien konformi mar-Regolamenti, fit-12 t'Awissu tal-2005 il-lift gie issiggilat mid-dipartiment tieghu.
10. Pero' f'Gunju tal-2006 saret spezzjoni ohra tal-lift u irrizulta li s-sigilli kienu gew maqtugha u l-lift kien qed jerga' jahdem.

<u>Kwistjoni Preliminari – l-Ammissibilita tal-Istqarrijiet tal-Imputati</u>

Minkejja li d-difiza ma ssollevat l-ebda kwistjoni fir-rigward, din il-Qorti thoss ruhha obbligata li tikkonsidra jekk hux il-kaz li tiskarta l-istqarrijiet tal-imputati, u dak kollu li setghu qalu waqt l-investigazzjoni, stante li dak iz-zmien il-ligi ma kienitx tippermetti li

suspettat ikollu d-dritt li jikkonsulta avukat qabel l-interrogatorju, u dan konformi mas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, deciza fit-12 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Mario Borg vs Malta**.

Pero' fil-kaz odjern, fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensuri tal-imputati ghamlu diversi drabi riferenza ghal dak li qalu l-imputati fl-istqarrija taghhom, u dan sabiex jissostanzjaw l-istess tezi tad-difiza. Fid-dawl ta' dan il-fatt, il-Qorti ma tarax li l-insenjament fil-kawza **Borg vs Malta**, japplika ghall-fattispecje tal-kaz odjern.

<u>Kunsiderazzjonijiet fil-Meritu</u>

Il-Qorti ser tghaddi biex tikkonsidra l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra l-imputati.

L-ewwel imputazzjoni tikkontempla ir-reat ta' falsifikazzjoni f'atti pubblici, kummercjali jew ta' bank privat minn persuna li ma tkunx ufficjal pubbliku, bi ksur tal-Artikolu 183 tal-Kodici Kriminali. Huwa ovvju li l-elementi ghal dan ir-reat ma jezistux fil-fattispecje tal-kaz odjern, u ghalhekk l-imputati ma jistghux jinstabu hatja ta' dan ir-reat.

It-tieni imputazzjoni tikkontempla ir-reat ta' ghoti ta' dikjarazzjonijiet jew certifikati foloz maghmul minn ufficjali jew impjegati pubblici, li jkunu fid-dover li jaghtuhom minhabba l-kariga jew impjieg taghhom, bi ksur tal-Artikolu 185 tal-Kodici Kriminali. Ma ngabet l-ebda ombra ta' prova mill-Prosekuzzjoni li xi wiehed mill-imputati hu ufficjal jew impjegat pubbliku. Konsegwentement, l-imputati qatt ma jistghu jigu misjuba hatja ta' dan ir-reat.

It-tielet imputazzjoni hija li l-imputati ghamlu uzu mill-istess dokumenti foloz bi ksur tal-Artikoli 184 jew 186 tal-Kodici Kriminali. Issa l-Artikolu 184 jirreferi ghall-dokumenti foloz maghmula kif kontemplat fl-Artikolu 183, li kif diga' inghad, hu inapplikabbli ghal kaz odjern, u konsegwentement anke l-Artikolu 184 hu inapplikabbli ghal kaz odjern. Bl-istess mod, l-Artikolu 186 jirreferi ghal dokumenti foloz moghtija kif kontemplat fl-Artikolu 185, li kif diga' inghad, hu inapplikabbli ghal kaz odjern, u konsegwentement anke l-Artikolu 186 hu inapplikabbli ghal kaz odjern. Ghalhekk, l-imputati ma jistghux jinstabu hatja ta' din it-tielet imputazzjoni.

Ir-raba' imputazzjoni hija li l-imputati sabiex jiksbu vantagg jew beneficcju ghalihom jew ghal haddiehor, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew taw taghrif falz bi ksur tal-Artikolu 188 tal-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti tibda biex tghid illi skond il-gurisprudenza stabbilita meta fi proceduri bhal dawk odjerni, ikun hemm zewg ko-imputati, ix-xhieda jew kull dikjarazzjoni ohra maghmula minn ko-imputat wiehed mhux ammissibbli fil-konfront tal-ko-imputat l-iehor, kemm jekk din ix-xhieda tkun favur u kemm jekk tkun kontra l-iehor. Dan gie ribadit fid-digriet tal-Qorti Kriminali[1] tat-22 ta' Dicembru 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. *omissis* Ian Farrugia**, fejn gie ritenut hekk: *"Il-gurisprudenza hija cara fuq dan il-punt: persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra akkuzat iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz. Dan il-principju japplika sia jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b'mod li jkun hemm "ko-akkkuzati" fil-veru sens tal-kelma – u sia jekk tkun akkuzata fi proceduri separati. Il-bazi ta' dan il-principju hu argument a contrario sensu li jitnissel mill-paragrafu (b) tal-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali."* u l-Qorti Kriminali tghaddi biex ticcita diversi sentenzi in materja.[2]

Ghalhekk, fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar il-htija o meno tal-imputati, din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni id-dikjarazzjonijiet tal-imputat Victor Camilleri fil-konfront tal-imputat Emanuele Scerri, u vice versa.

Il-Qorti se tikkunsidra l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni fir-rigward ta' kull imputat.

Mill-istqarrija tal-imputat Victor Camilleri jirrizulta li hu gie muri certifikat mahrug minnu stess fit-23 ta' April 2004, fejn min-naha l-Ispettur investigatur jghid li dan ic-certifikat jghid li l-lift gie manifatturat fis-sena 2003, u min-naha l-ohra l-imputat jghid li c-certifikat jghid li li l-lift tlesta fis-sena 2003. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat Victor Camilleri jghid li hu xtara l-komponenti tal-lift in kwistjoni fl-1999 u zammhom ghandu fl-istore tieghu, u wara li kellmu

---

[1] *Per* Onor. Imhallef Dr. V. De Gaetano.

[2] Ara wkoll fl-istess sens id-digriet tal-Qorti Kriminali (*per Onor.* Imhallef Joseph Galea Debono) tal-4 ta' Frar 2004 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Brian Vella.**

Cauchi, sid il-blokka ta' flats in kwistjoni, beda l-installazzjoni tieghu f'Jannar 2002, pero' wahhal biss il-brackets. Il-kuntratt ta' bejgh gie iffirmat f'Ottubru 2003.

Pero' f'dawn il-proceduri, l-Prosekuzzjoni naqset li tipproduci id-dikjarazzjoni li ghamel Victor Camilleri fit-23 ta' April 2004, u ghalhekk ma tistghax tikkonstata x'kien il-kontenut taghha, u wisq inqas jekk il-kontenut taghha kienx wiehed veritjier.

In vista ta' din in-nuqqas ta' prova essenzjali, ma jistghax jinghad li l-Prosekuzzjoni ippruvat sal-grad rikjest fil-kamp kriminali r-reat kontemplat fl-Artikolu 188 tal-Kodici Kriminali.

Fir-rigward tal-imputat Emanuel Scerri mill-istqarrija tieghu u mix-xhieda tal-Inginier Frederick Azzopardi jirrizulta li fit-18 t'April 2005, huwa – li l-professjoni tieghu hi ta' Inginier - kien irrilaxxa certifikat fejn iddikjara li l-lift in kwistjoni gie installat qabel Lulju tas-sena 2002. Fl-istqarrija tieghu, hu jghid li hu kien ra l-lift l-ewwel darba ghal habta ta' April 2004. Huwa jghid li meta rah mill-ewwel induna li dan il-lift kien second hand u mhux gdid. Huwa jghid li huwa ma kellu l-ebda mod kif jivverifika d-data tal-istallazzjoni, u kien ghalhekk li nizzel id-data sabiex jekk jigi stabbilit illi l-lift gie installat wara Mejju 2002, ic-certifikat tieghu kien jigi null u ma jiswa xejn. Huwa qal ukoll li l-Malta Standards Authority kienet ghadha ma hargitx policy dwar liftijiet ezistenti qabel Lulju 2002, u ghalhekk talabhom jaghtuh gwida. Jghid li f'April 2005, hu kien infurmat mill-Malta Standards Authority li l-liftijiet ezisitenti ser jibdew jigu accettati, u kien ghalhekk li hu hareg dan ic-certifikat fejn qal li l-lift kien *safe*.

Fil-fatt mill-provi jirrizulta li l-Malta Standards Authority harget il-*policy* taghha bil-miktub dwar liftijiet ezitenti f'Settembru 2006 – cioe' iktar minn erba' (4) snin wara d-dhul fis-sehh tal-Avviz Legal 370 tal-2002. Fix-xhieda tieghu l-Inginier Frederick Azzopardi ikkonferma li l-komponenti ta' dan il-lift kienu gew manifatturati qabel Lulju 2002.

Apparti l-kwistjoni tal-*mens rea* tal-imputat Scerri meta hareg ic-certifikat in kwistjoni, anke fil-kaz ta' dan l-imputat, il-Prosekuzzjoni naqset li tipprezenta f'dawn il-proceduri ic-certifikat in kwistjoni, u ghaldaqstant din il-Qorti ma tistax tikkonstata dan ic-certifikat x'jghid preciz, sabiex tikkonkludi jekk bhala fatt, fid-dawl tal-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni, kienx l-imputat Scerri li ghamel xi dikjarazzjoni falza. In vista ta' dan in-

nuqqas ta' din il-prova essenzjali, il-Qorti ma thossx li hu necessarju li tinoltra ruhha fil-kwistjoni ta' x'kienet il-*mens rea* tal-imputat Scerri meta hu rrilaxxa dan ic-certifikat.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti issib lill-imputati mhux hatja tal-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom, u qieghda tilliberahom minnhom.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**